

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Scott SA, Kimberly Clark SNC, attwalment “Kimberly Clark SAS”

Konvenuta: Ville d'Orléans

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Cour administrative d'appel de Nantes — Interpretazzjoni tal-Artikolu 14(3) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339) — Għajnuna mogħtija mill-awtoritajiet Franċiżi favur Scott SA u Kimberly Clark — Obbligu li l-għajnuna ddikjarata inkompatibbli mas-suq komuni tiġi rkuprata mingħajr dewmien — Konsegwenzi, għal dan l-obbligu, ta' annullament eventwali, minħabba difetti proċedurali, tal-ordnijiet maħruġin mill-awtoritajiet nazzjonali għall-irkupru ta' din l-għajnuna

Dispożittiv

L-Artikolu 14(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu [88] tat-Trattat KE, għandu jiġi interpretat fis-sens li, fiċ-ċirkustanzi fejn is-somom li jikkorrispondu għall-għajnuna inkwistjoni ġew preċedement irkuprati, ma jipprekludix l-annullament minħabba difett proċedurali, mill-qorti nazzjonali, tal-ordnijiet ta' għbir maħruġa għall-irkupru tal-għanjuna mill-Istat illegali, meta l-possibbiltà tar-regolarizzazzjoni ta' dan id-difett proċedurali hija żgurata mil-liġi nazzjonali. Min-naħa l-oħra, din id-dispożizzjoni tipprekludi li dawn is-somom jiġihallu lura mill-ġdid lill-benefiċjarju tal-għajnuna, anki jekk proviżorjament.

(¹) ĠU C 205, 29.08.2009.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tas-6 ta' Mejju 2010 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Polonja

(Kawża C-311/09) (¹)

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Taxxa — VAT — Trasport internazzjonali ta' persuni — Taxxa fissa imposta fuq trasportaturi stabbiliti barra mit-territorju nazzjonali)

(2010/C 179/22)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Triantafyllou u K. Herrmann, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika tal-Polonja (rappreżentanti: M. Dowgielewicz u M. Szpunar, aġenti)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat Membru li jwettaq obbligu — Ksur tal-Artikoli 73, 168 u 273 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006 L 347, p. 1) — Trasport internazzjonali tal-passiġġieri bit-triq — Leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi fuq it-trasportaturi stabbiliti barra mill-pajjiż il-ħlas ta' VAT skont sistema ta' taxxa fissa bbażata biss fuq in-numru ta' passiġġieri ttrasportati fit-territorju nazzjonali u li ma tippermettix tnaqqis tat-taxxa imposta fl-istadju preċedenti.

Dispożittiv

(1) Bl-impożizzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud skont il-modalitajiet iddefiniti fl-Artikolu 35(1),(3),(4) u (5) tal-Kapitolu 13 tar-Regolament tal-Ministru tal-Finanzi, tas-27 ta' April 2004, dwar l-implementazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-liġi dwar it-taxxa fuq il-prodotti u s-servizzi, ir-Repubblika tal-Polonja naqset milli ttwettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 73, 168 u 273 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud.

(2) Ir-Repubblika tal-Polonja hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 256, 24.10.2009

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Marzu 2010 (talba għal deċiżjoni preliminari mill-Areios Pagos — il-Greċja) — Organismos Sillogikis Diacheirisis Dimiourgon Theatrikon kai Optikoakoustikon Ergon vs Divani Akropolis Anonimi Xenodocheiaki kai Touristiki Etaireia

(Kawża C-136/09) (¹)

(“Artikolu 104(3) tar-Regoli tal-Proċedura — Drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni — Direttiva 2001/29/KE — Artikolu 3 — Kunċett ta' ‘komunikazzjoni lill-pubbliku’ — Xogħlijiet imxandra permezz ta' settijiet tat-televiżjoni fil-kmamar tal-lukanda”)

(2010/C 179/23)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Qorti tar-rinviju

Areios Pagos